MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 486/2009

**C. Fino & Sons Limited**

**Vs**

**James u Mary konjugi Fsadni**

## Il-Qorti:-

Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha (4) ta' Dicembru 2009, permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' ghaxart elef mija wiehed u tletin euro tlieta w sittin centezmu (€10,131.63) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata fuq inkarigu taghhom skond ma kif jidher mill-annessi Dok. A u B1 sa B7.

Bl-ispejjez u drittijiet tal-presenti, tal-Ittra Ufficcjali numru 4291/09 datata wiehed w ghoxrin (21) t'Awwissu 2009 mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet

ta’ Malta, tat-Taxxa fuq d-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti mid-data tal-konsenja, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati bl-avviz kif jirrizulta mir-riferta posittiva datata disgha w ghoxrin (29) ta’ Dicembru 2009 inserita fl-atti a fol. 13.

Illi fis-seduta tad-disgha (9) ta’ Frar 2010 s-socjeta attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti u ressqet rapprezentant taghha sabiex jixhed u jikkonferma li d-debitu msemmi fir-rikors promotur, ghadu dovut fil-konfront taghha.

Rat illi fis-seduta tad-disgha (9) ta’ Frar 2010 il-konvenuti msejjha sabiex iwiegbu ghas-subizzjoni tas-socjeta attrici baqghu ma dehrux la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici u semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ ghaxart elef mija wiehed u tletin euro tlieta w sittin centezmu (€10,131.63) dovuti minghandhom ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------